MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 92/2011

**Therese sive Terry Vella [K.I. nru. 593361(M)] f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha minorenni Mario Vella [K.I. nru 18994(M)] flimkien ma' uliedha Carmelo Vella [K.I. nru 399685M] u Amy Vella [K.I. nru 531687M]**

**vs**

**Pierre Cremona [K.I. nru 286273M] u Iris Cremona ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti taw lill-intimati, b'titolu ta' lokazzjoni, l-fond, ossia garage, bin-numru hamsa (5), liema garage jinsab gewwa kumpless ta' garages, fi Triq San Tumas, Tarxien u taht diversi kundizzjonijiet. Il-kera miftiehma kienet ta' €81.53 li tithallas kull 3 xhur bil-

quddiem bl-ewwel skadenza tkun pagabbli fil-11 ta' Dicembru, 2003.

2. L-intimati naqsu milli jezegwixxu l-kundizzjonijiet tal-kiri u dan billi ilhom ma jhallsu l-kera mill-11 ta' Marzu, 2004. Inoltre huma ukoll issullokaw jew trasferew il-pussess tal-fond de quo lil terzi minghajr il-kumpens espress tal-esponenti.

3. Interpellati permezz ta' ittra gudizzjarja datata 21 ta' Dicembru, 2010, sabiex jivvakaw mill-fond, ossia garage, bin-numru hamsa (5), liema garage jinsab gewwa kumpless ta' garages, gewwa Triq San Tumas, Tarxien, l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitolbu li dan il-Bord;

1. Jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond, ossia garage, bin-numru hamsa (5), liema garage jinsab gewwa kumpless ta' garages, fi Triq San Tumas, Tarxien.

2. Jordna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn dan il-Bord, jizgombraw il-fond surriferit.

3. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega, jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-arretrati kollha ta' kera mill-11 ta' Marzu, 2004 sad-data tal-effettiv zgumbrament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri gudizzjarja 21 ta' Dicembru, 2010 (riferenza numru: 5184/2010) kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonisdra:

Illi l-intimati debitament notifikati bir-rikors promutur u bl-avviz ghas-smiegh, baqghu ma dehrux u ma kkontestawx

l-pretensjonijiet rikorrent f'din il-kawza. Wahda mir-rikorrenti, Theresa Vella, xehdet quddiem dan il-Bord u spjegat dak kollu li wassalha sabiex tirrikorri ghal dawn il-proceduri li in sintesi huwa morozita fil-hlas tal-kera u okkupazzjoni tal-fond minn terzi li meta avvicinathom bdew jghajruha u joffenduha;

L-intimati, debitament notifikati b'dawn il-proceduri ma urew l-ebda interess sabiex jikkontestaw il-procedura odjerna u ghalhekk il-Bord ma setghax jisma' l-verzjoni taghhom;

Il-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghalhekk huma inkontestati;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal skop ta' zgumbrament qed jipprefigi terminu ta' tletin (30) jum mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------